MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 286/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mifsud)**
**Vs**

**Francesco Zampa**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Marzu, 2004 ghall-habta tal-04.45 p.m. fi triq il-Bajja, Bugibba :**
**1) kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u/jew glied;**
**2) offenda il-morali pubblika b'dagha u/jew kliem oxxen;**
**3) insulenta bi kliem lil John Zammit.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 t’Ottubru, 2005, li biha, il-kawza giet dikjarata preskritta (sic.).

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 t’Ottubru, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok wara li jinstemghu l-provi, ssib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’dawn l-akkuzi, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti ghall-prosediment bis-smiegh tal-kawza w decizjoni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat minnhabba li l-azzjoni kienet preskritta, meta fil-fatt u skond il-ligi dan ma kienx il-kaz. L-Ewwel Qorti injorat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali kwantu dan jirrigwarda l-interruzzjoni u s-sospensjoni tal-preskrizzjoni, li hu artikolu ta’ ordni pubbliku w li l-Ewwel Qorti ma kellha ebda diskrezzjoni jew setgha legali li tonqos milli tapplika jew tosserva. L-appellat gie notifikat entro t-terminu ta’ tlitt xhur u ghalhekk il-kawza ma setghet qatt tigi dikjarata preskritta.

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ma hemmx dubju li t-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat huma ta’ natura kontravvenzjonali kif kontemplat fl-artikoli 338 u 339 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk jaqghu preskritti bil-moghdija ta’ tlitt xhur mid-data tal-kommissjoni tal-allegati reati skond l-artikolu 688 (f) tal-istess Kodici.**

**Illi d-data tal-kommissjoni tal-allegati reati hija s-17 ta’ Marzu, 2004. Illi l-komparixxi nharget fl-24 ta’ Marzu, 2004 u giet notifikata lill-appellat skond il-ligi fl-<u>20 t’ April, 2004</u> kif jidher mir-riferta pozittiva a fol. 3 tal-**

**process. Hu minnu li l-appellat, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx fl-ewwel seduta tas-27 ta' Mejju, 2004 u lanqas ma deher fis-seduti sussegwenti tal-21 t' Ottubru, 2004 , 27 ta' Jannar, 2005 u 19 ta' Mejju, 2005 u finalment deher biss fit-13 t' Ottubru, 2005, meta nghatat is-sentenza appellata u l-akkuzi gew dikjarati preskritti.**

**Pero' l-artikolu 687 (2) tal-Kodici Kriminali, introdott ghall-ewwel darba bl-Att III tas-sena 2002, illum jiddisponi li :-**

(2) Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza."

Illi d-difiza argumentat li hawn kontradizzjoni bejn l-artikolu 687 (2) u l-artikolu 693 (2) u (3) u li ghalhekk din il-Qorti kellha ghab-bazi tal-artikolu 693 li kien l-aktar vantagguz ghall-appellat, tiddikjara l-akkuza preskritta.

Illi dan l-artikolu 693 jghid biss kif jista' jinkiser iz-zmien tal-preskrizzjoni u cioe' b'kull att tal-procediment li jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat, kif ukoll bil-mandat t'arrest, jew bic-citazzjoni, ghalkemm dawn ikunu baqghu bla effett minhabba li l-akkuzat ikun inheba jew telaq minn Malta. Jghid ukoll li z-zmien miksur tal-preskrizzjoni jerga jibda miexi mill-gdid mill-jum li jkun inkiser.

Imma din il-Qorti ma tara ebda kontradizzjoni bejn dan u d-disposizzjoni l-gdida kontenuta fis-subartikolu (2) tal-artikolu 687 li hija disposizzjoni li titkellem bl-aktar mod car u ma thalli ebda lok ghal xi interpretazzjoni.

Mela meta l-preskrizzjoni tigi nterrotta, b'xi wiehed mill-modi ndikati fl-artikolu 693 u jkun imbeda l-procediment kontra l-akkuzat, ma tergax tibda tiddekorri l-preskrizzjoni fil-mori tal-kawza.

Jekk minkejja li tkun giet interrotta l-preskrizzjoni b'xi wiehed mill-atti msemmija fl-artikolu 693, il-procediment ghal kwalsiasi raguni, ma jkunx imbeda, allura japplika s-subartikolu (3) tal-artikolu 693.

Hekk biss jista' jiftiehem bis-sens dak li hemm fl-artikolu 693 wara l-emenda recenti ghall-artikolu 687.

F'dan il-kaz il-preskrizzjoni giet debitament interrotta bin-notifika tac-citazzjoni w beda l-procediment u ghalhekk skatta d-dispozittiv tal-artikolu 687 (2).

**Illi ladarba l-appellat kien gie debitament notifikat bil-komparixxi fl-20 t' April, 2004 , appena xahar wara l-kommissjoni tal-allegati reati, u allura zgur entro t-terminu preskrittiv ta' tlitt xhur fuq indikat, gara' x' gara wara tul il-process li fih l-appellat ma deherx ripetutament, u dana minkejja l-hrug ta' diversi mandati t' arrest kontra tieghu, b' ebda mod ma jeffettwa l-kwistjoni. Din hi l-pozizzjoni legali mid-dahla fis-sehh tal-emendi li saru fil-2002 'l hawn, ghax qabel ma kienetx l-istess u kien hemm il-htiega li anki waqt il-process kriminali innifsu, ma jiskadiex it-terminu preskrittiv, anki bejn differiment u iehor.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat l-atti processwali mill-gdid lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jigi deciz fuq il-mertu skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------